MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 11/2011

Nadia Vella

Vs

Joseph Vella

It-Tribunal:-

Ra l-avviz illi permezz tieghu l-attrici talbet illi tithallas minghand il-konvenut is-somma ta' elf, tmien mija u sebgha u sebghin ewro u hamsin centezmu (€1877.50) rapprezentanti nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra kurrikulari fir-rigward ta' binhom il-minuri Eric Camilleri kif ukoll il-manteniment ghax-xhur ta' April u Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011). Dan skont ma' l-konvenut huwa tenut li jaghmel in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet datat erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) bl-ispejjez kollha komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita fil-hdax (11) ta' April elfejn u hdax (2011) u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha ecepixxa illi t-talba odjerna hija intempestiva ghaliex huwa qatt ma gie notifikat b'ittra ufficjali; illi minghajr pregudizzju ghal dan it-

talba attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt u fl-ekwita u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez; u l-konvenut hallas il-manteniment dovut u fir-rigward ta' l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, l-attrici qeghda taghmel talbiet indebiti kif ser jirrizulta matul it-tratazzjoni tal-kawza.

Ra d-dokumenti kollha esebiti b'mod specjali l-ircevuti esebiti kif ukoll il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet datat l-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008).

Sema x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet.

Ra d-digriet tieghu ta' l-erbgha (4) ta' April ta' l-elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Ilil l-partijiet kienu mizzewgin flimkien u kellhom tifel uniku. L-attrici bdiet tghix fil-gzira ta' Malta filwaqt li l-konvenut baqa' jghix Ghawdex. It-tifel minuri, Eric, beda' jintbghat fl-istess skola fejn tghallem l-omm cioe' St.Edwards College. Jidher illi sfortunatament ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija wahda hazina u per konsegwenza jidher illi l-partijiet jiehdu gost jimpikaw ma' xulxin. Fil-fatt it-Tribunal ma jhoss l-ebda ezitazzjoni f'li jikkummenta illi din il-kawza hija wahda motivata purament minn pika zejda li ftit li xejn taghmel sens fost nies maturi. Bi ftit sens komun anke bl-assistenza ta' l-avukati rispetti, il-partijiet setghu jpoggu bilqeghda u jaraw x'inhu dovut u mhux u ma kellhomx bzonn jinvolvu ruhhom f'kawza sabiex jifthemu fuq x'inhu dovut u jaghmlu l-konteggi opportuni. Jidher fil-fatt illi l-attrici pruvat anke f'dawn il-proceduri titlob anke dak li ma hijiex intitolata ghalieh u minn naha tieghu l-konvenut kieku seta' jiffranka dak li hu dovut minnu, ma kienx ser jiddejjaq. Hekk jigi notat illi minkejja li fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Gunju ta' l-elfejn u hdax (2011) il-kovnenut prometta illi kellu jesebixxi rendikont dwar hlasijiet dovuti minnu dan baqa' ma ghamlux .

Jidher li l-kwistjoni principali li qamel f'din il-kawza kienet dwar kemm huma l-mizati ta' l-iskola li attwalment thallsu. Jidher illi l-attrici produciet invoices biss u qatt ma produciet l-ircevuti. Produciet l-invoices illi juru illi l-mizata ta' l-iskola kienet hames mija u ghoxrin ewro kull term (€520) mentri fil-fatt kif irrizulat mix-xhieda ta' Sandro Bruno, l-burzar ta' l-iskola illi dawn il-mizati kienu qed jigu

skontati b'erbghin fil-mija (40%) peress illi l-attrici kienet tghallem hemmhekk. L-attrici pruvat tislet dawn il-flus indebitament billi f'zewg okkazzjonijiet meta hadet il-pedana tax-xhieda quddiem it-Tribunal fis-sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) kif ukoll fil-hmsitax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) hija qalet illi dak li kien qed jigi frankat mill-mizati ta' l-iskola peress li hi kienet qed tghallem hemm, kien qed jitnaqqas minn xi allowances illi hija kienet qeghda tiehu. Dan kollu gie kontradett u negat mill-burazar ta' l-iskola illi xehed fis-seduta ta' l-erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011) illi b'mod car u tond qal illi dan it-tnaqqis ta' erbghin fil-mija (40%) fuq il-mizati kien att ta' rieda tajba minn naha ta' l-iskola favur l-ghalliem li ma kienu qed jitnaqqsulu xejn minn dawk li huma allowances jew pagi dovuti lilu. Ghaldaqstant f'dan ir-rigward fiz-zewg okkazzjonijiet fuq imsemmija meta Nadia Vella hadet il-pedana tax-xhieda, din ma kinitx qeghda tghid il-verita u kienet qed tipprova tizvija lit-Tribunal sabiex taghmel qligh in debitu a dannu tal-konvenut. It-Tribunal jiddeplora dan l-agir u jwissi lil attrici sabiex toqghod attenta milli terga tirrepetti agir simili, li jista jwassal ghal proceduri ohra fil-konfront taghha.

Mid-dokumenti illi esebixxa l-konvenut, jidher illi l-invoices illi esebiet l-attrici kienu juru l-mizata ta' l-iskola ntiera qabel ma' din giet imnaqqsa b' erbghin fil-mija (40%.) It-Tribunal jarha redikola illi l-attrici tippretendi flus illi ma hallsitx. Huwa minnu illi dawn gew frankati mertu taghha peress illi hija tghallem f'dik l-iskola. Pero b'daqshekk ma jfissirx illi din ghandha taghmel xi gwadann indebitu minn fuq il-konvenut.

Illi t-Tribunal ra d-dokumenti kollha esebiti fis-sens ta' ricevuti u invoices u huwa fuq dawn li se jiddeciedi l-ammont illi talvolta huwa dovut. Jirrizulta illi l-ammont tal-manteniment thallas mill-konvenut. Ma huwiex car jekk hallasx fil-mori ta' dawn il-proceduri jew qabel. Huwa zgur illi l-manteniment tax-xahar ta' Mejju ta' l-elfejn u hdax (2011) thallas fil-mori ta' dawn il-proceduri. Jidher u dan huwa wiehed mill-elementi ta' pika li gie osservat aktar kmien, illi ghalkemm il-manteniment huwa dovut skont il-manteniment fl-ewwel ta' kull xahar, fl-istanding order illi l-

konvenut talab mal-bank talab li l-pagament isir fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011).

Illi fil-verbal tas-seduta tat-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) l-attrici irriduciet it-talba taghha bl-ammont ta' erba mija u erbgha u tletin ewro billi naqset dawn ix-xahrejn ta' manteniment. Proceduralment kellha tigi prezentata nota ta' riduzzjoni izda dan it-Tribunal mhux marbut b'regoli fissi ta' procedura u huwa akkordat li jirregola l-procedura kif jidhirlu xieraq u ghaldaqstant ser jikkunsidra din ir-riduzzjoni fit-talba.

Mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi l-attrici intalbet is-somma ta' hames mija u ghoxrin ewro (€520) ghal tlett perjodi skolastici (terms) ghas-sena skolastika elfejn u ghaxra (2010) / elfejn u hdax (2011). Dan fl-ammont ta' hames mija u ghoxrin ewro (€520) f'kull term ghal total ta' elf hames mija u sittin ewro (€1560). Imnaqqsa b'erbghin fil-mija (40%) dawn jammontaw ghal disgha mija u sitta u tletin ewro (€936). Hemm imbghad ircevuti ta' spejjez ohra ta' l-iskola u ta' attivitajiet extra kurrikulari. L-attur jghid illi huwa qatt ma gie infurmat b'dawn l-attivitajiet extra kurrikulari. It-Tribunal jinnota illi fil-kuntratt ta' separazzjoni l-konvenut offra illi jhallas nofs l-ispejjez extra kurrikulari. Josserva illi d-decizjonijiet ta' importanza fit-trobbija tal-minuri ghandhom jittiehdu b'decizjoni konsenswali. It-Tribunal ma jinterpretax in-nuqqas ta' l-attrici li toqghod tinforma lill-konvenut b'kull dettal bhala xi rinunzja ghal dan id-dritt ta' rimbors. Madankollu t-Tribunal ma jhossx illi ma ghandux josserva illi l-prudenza u r-rispett ghal inqas ghat-tifel minuri ghandhom jitolbu illi l-attrici tinforma lill-missier b'dawn l-attivitajiet. Ghalhekk is-somma ta' disgha mija u sitta u tletin ewro (€936) trid tizdied bis-somma ta' sebghin ewro (€70) spejjez tal-ginnastika flimkien mas-somma ta' seba mija u hamsa u sebghin ewro (€775) li huwa l-prezz tar-registrazzjoni tal-minuri fl-iskola (fejn huwa notat illi kuntrarjament ghal pagamenti ohra hawnhekk l-attrici esebiet kemm l-inovice u l-ircevuta), ghoxrin ewro (€20) illi jidhru fl-ircveuta esebita a fol.16, erbgha u ghoxrin ewro (€24) illi jirrizultaw apparti, mija u erbghin ewro (€140) illi jirrizultaw minn l-ircevuta a fol.23, tnax il-ewro (€12) li jirrizultaw minn l-ircevuta a fol.22, erbghin ewro (€40) illi thallsu lil Helen O'Grady Academy, skont l-ircevuta li tirrizulta bejn fol. 36

u 37 tal-process u finalment is-somma ta’ mija u ghoxrin ewro (€120) li tirrizulta ghal-lezzjonijiet ta’ l-ghawm. Dawn iridu jizdiedu bis-somma ta’ hamsa u erbghin ewro (€45) spejjez tad-dentist.

Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni dwar x’inhu l-hlas li jidher li sar bic-cekk a fol.18 tal-process lil Helen O’Grady Academy u t-Tribunal mhux ser jinkludi dan il-hlas fl-ispejjez. It-total ta’ l-ispejjez imsemmija diviz bi tnejn jammonta ghal elf u tmienja u sebghin ewro (€1078) u huwa dan l-ammont illi ghandu jkun tenut ihallas il-konvenut.

Illi dwar l-imghaxijiet peress illi jirrizulta li l-partijiet ikkrejaw huma stess dawn id-diffikultajiet imprattici sabiex jaslu ghal ammont rejalment dovut, it-Tribunal jidhirlu illi l-imghaxijeit ghandhom jiddekorru biss mid-data ta’ din is-sentenza l-quddiem.

Illi dwar l-ispejjez jinghad illi hadd mill-partijiet ma ghamel xi sforz biex jikkopera fl-istabbiliment ta’ l-ammont gust anzi kulhadd prova jigbed ghal xawwatu a’ skapitu tal-parti l-ohra. In vista ta’ dan it-Tribunal jidhirlu illi kull parti f’din il-kawza ghandha tbati l-ispejjez taghha.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ in parti t-talbiet attrici u jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut fis-sens kif fuq spjegat; jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ elf u tmienja u sebghin ewro (€1078) bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza l-quddiem. L-ispejjez ta’ din il-kawza jithallsu billi kull parti tbghati l-ispejjez li jghajtu lilha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------